**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**Id-Disa' Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 03**

Il-Ħamis, 29 ta' Awwissu, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Dr Daniel Attard | - | Sindku |
| Is-Sur Sammy Saliba | - | Viċi Sindku |
| Is-Sur Emanuel Mintoff | - | Kunsillier |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - | Kunsillera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - | Kuinsiller |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Is-Sur Silvio Xerri - Segretarju Eżekuttiv

## 03.1 Talba

03.1.1 Bi qbil mal-kunsilliera l-laqgħa li kienet skedata għat-30 ta' Awwissu 2024, ġiet rikjamata għal-lum id-29 ta' Awwissu 2024 fl-istess ħin.

Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet ippreseduta mis-Sindku Dr. Daniel Attard.

## 03.2 Ittri ta' Apoloġija

03.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 03.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

03.3.1 Il-Minuti tal-laqgħa numru 02 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 03.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

03.4.1 Email datata 26 ta' Awwissu 2024, mingħand tenur li qed jitlob li jittella' kunċert fit-28 ta' Diċembru 2024, fil-knisja parrokjali u sabiex jingħata sponsor mill-kunsill. Il-kunsilliera qablu li għandu jiġi mitkellem Dun Edward Vella sabiex jara jekk jistax isir tali kunċert, u jekk huwa jaqbel li għandu jittella' tali kunċert, il-kunsilliera qablu li jingħata tali sponsor li jammonta għal erba' mitt ewro (€400).

03.4.2 Email datata 23 ta' Awwissu 2024 mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward laqa' – Transforming Care for Older Adults in Malta nhar il-11 ta' Settembru 2024. Il-Kunsilliera nfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv li ma jistgħux jattendu għal tali laqgħa.

03.4.3 Email datata 26 ta' Awwissu 2024, mingħand Malta Tutors sabiex issir laqgħa sabiex isir *After-school homework club*. Il-Kunsilliera qablu unanimament li tali aktar tikkonċerna lill-iskola milli lill-kunsill.

03.4.4 Email datata 29 ta' Awwissu 2024, mingħand il-Gozo Business Awards sabiex nibgħatulhom għal liema kategoriji qed japplika bid-dettalji u ritratti relattivi. Is-Segretarju Eżeuttiv informa li ser jivverifika hemmx dettalji biżżejjed sabiex tiġi sottomessa tali applikazzjoni.

03.4.5 Email datata 16 ta' Awwissu 2024 mingħand Events in Gozo, għal stedina għal min hu interessat li jipparteċipa fil-programm tagħhom il-Milied f'Għawdex 2024. Il-Kunsilliera qablu li għandha tiġi mitkellma l-persuna nkarigata mill-attivitajiet tal-kunsill.

03.4.6 Email datata 19 ta' Awwissu 2024 mingħand il-Wasteserv rigward l-European Week for Waste Reduction (16-24 November 2024), li din

is-sena ser tkun titratta l-Food Waste. Il-Kunsilliera qablu li għandu jiġi vverifikat x'tinvolvi tali attivita' u kif il-kunsill jista' jipparteċipa.

03.4.7 Email datata 24 ta' Lulju 2024, mingħand Kyle Borg bir-write up għall-avventiment Traditions: Wine, Olive Oil & Honey. Il-Kunsilliera qablu unanimament li għandu jiġi ngaġġat sabiex jieħu l-vidjo ta' tali attivita'.

03.4.8 Email datata 15 ta' Awwissu 2024, Liquid Spirit Gozo 2025, sabiex isir avveniment f'Settembru 2025. Il-Kunsilliera qablu li għandu bżonn aktar dettalji u għalhekk għandhom isiru aktar diskussjonijiet fuq dak propost.

03.4.9 Email datata 15 ta' Awwissu 2024, rigward Your Opportunity to Support Families in Need. Il-Kunsilliera qablu unanimament li għandu jiġi vverifikat x'tinvolvi tali proċedura u jekk tistax isseħħ.

03.4.10 Email datata 22 ta' Awwissu 2024 rigward filming in Għasri Cliffs. Il-Kunsilliera ma jsibux oġġezzjoni għal tali ffilmjar bil-patt li l-entita' nvoluta ġġib il-permessi kollha neċessarji, insurances, suġġett li l-post jibqa' tale e quale u li huma responsabbli għal danni li jistgħu jagħmlu.

03.4.11 Is-Sindku rrimarka li l-flora li jinsab f'Wied l-Għasri qed issirlu l-ħsara u għalhekk għandna bżonn rapport minn espert marittimu fuq Wied l-Għasri. Għandha ssir tabella bl-informazzjoni neċessarja sabiex persuna tkun tista' tirrapporta jekk persuni bid-dgħajsa tkun qed tagħmel il-ħsara/vandaliżmu. Għandha tiġi ċċarata s-sitwazzjoni tal-ħbula li jitwaħħlu fiż-żmien tas-Sajf ma Transport Malta.

**03.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

03.5.1 Il-kunsilliera Liza Mintoff saqsiet dwar it-talba li kienet għamlet sabiex issir bankina. Is-Segretarju Eżekuttiv informaha li għadu jrid jieħu r-ritratti u jdaħħal id-dettalji fil-website appożita.

**03.6 Attivita' Traditions 2024;**

03.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-preparamenti għall-attivita' Traditions għaddejjin ġmielhom.

**03.7 Jum l-Għasri;**

03.7.1 Il-Kunsill irċieva ittra b'rakkomandazzjoni għal Ġieħ l-Għasri. Il-Kunsilliera qablu unanimament li Joseph Farrugia, il-persuna li ġiet rakkomandata jingħata Ġieħ l-Għasri. Peress li s-Sindku ser ikun imsiefer f'Jum l-Għasri ċioe fit-28 ta' Settembru 2024, qed tiġi proposta data alternattiva sabiex jingħata dan ir-rikonoxximent.

## 03.8 Materji Oħra;

03.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li rċieva komunikazzjoni bit-telefon minħabba r-restawr tan-niċċa fejn id-Dipartiment tal-Eko Gozo għandu bżonn dikjarazzjoni li tali niċċa m'hi ta' ħadd. Il-Kunsilliera qablu li għandha ssir riċerka sabiex tingħata din l-informazzjoni.

03.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-kuntratt tat-tender relatat mas-CCTV's ġie ffirmat u li issa qed nistennew li l-kuntrattur ikollu kollox f'idejh sabiex jibda x-xogħolijiet.

03.8.3 Peress li l-laqgħa tal-kunsill kienet skedata għal għada 30 ta' Awwissu 2024, il-laqgħa ma Għawdix kellha tiġi posposta. Għalhekk għandha tinsab data alternattiva sabiex issir din il-laqgħa.

03.8.4 Resident fi Sqaq il-Qattus irrimarka li hemm ħadida mal-binja u li din ntlaqtet minn xi trukk u xtaqt li tali titranġa. Il-kunsilliera qablu li għandu jiġi mitkellem il-ħaddied sabiex jara jistax jagħmel ħadida oħra.

03.8.5 Xi residenti rrimarkaw li hemm bżonn li jitwaħħal Dog Bin fi Triq Wied Sara. Il-Kunsilliera qablu unanimament ma tali proposta.

03.8.6 Is-Segretarju Eżekutiv informa li l-bankijiet li kienu ordnati għal Triq Wied Sara għandhom ma waslux. Għandna niġu nfurmati hekk kif ikunu waslu.

03.8.7 Ġie rrimarkat li l-bankijiet ta' Triq il-Fanal għadhom ma tranġawx. Il-Kunsilliera reġgħu kkonfermaw li għandu jerġa jiġi mitkellem il-mastrudaxxa nkarigat minn tali xogħolijiet.

03.8.8 Fi Triq il-Wilġa hemm ħajt li qed jaqa'. Il-Kunsilliera qablu li għandha tintalab stima lill-kuntrattur sabiex jirranġa tali ħajt.

03.8.9 Residenti talbu bozza ġdida fi Trejqet tal-Qattus. Il-Kunsilliera qablu li għandha tiġi mitkellma l-Awtorita' konċernata għal tali approvazzjoni.

03.8.10 Residenta fi Triq il-Fanal irrimarkat li hemm parti mit-triq li tinsab fi stat ħażin ħafna. Il-Kunsilliera nfurmaw li bħalissa għaddej proġett fuq tali triq u għadu mhux lest.

03.8.11 Sar suġġeriment li l-kalendarju tas-sena d-dieħla jkun b'ritratti ta' siġar endemiċi li jinsabu f'postijiet pubbliċi fir-raħal tal-Għasri. Għandha tintbagħat leaflet sabiex issir kompetizzjoni sabiex jieħdu ritratti u jibgħatuhom il-kunsill għall-verifiki neċessarji.

03.8.12 Residenti fi sqaq San Pupulju talbu li titwaħħal mera faċċata tal-istess sqaq. Għandhom jiġu mitkellma ta' Transport Malta għall-awtorizzazzjoni.

03.8.13 Il-Kunsilliera Liza Mintoff talbet li jitneħħa parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' fi Triq ta' Għammar peress li l-persuna li kienet tuża tali parkeġġ illum il-ġurnata m'għadhiex toqgħod hemm. Għandhom jiġu mitkellma ta' Transport Malta għall-kunsiderazzjoni min-naħa tagħhom.

03.8.14 Il-Kunsillier Emanuel Mintoff informa li ntalbu li siru *double yellow lines* fi Triq il-Knisja fil-kantuniera ma blokka ta' appartamenti għax qed jipparkjaw fil-kantuniera. Għandhom jiġu mitkellma ta' Transport Malta għall-awtorizzazzjoni.

03.8.15 Il-Kunsillier Emanuel Mintoff informa li fi Triq Wied Sara hemm kanal li għandu bżonn jintefa' xi ramel fih minħabba l-ilma. Il-kunsilliera qablu li għandu jiġi mitkellem il-kuntrattur għal tali xogħolijiet.

03.8.16 Rigward is-sitwazzjoni tat-tender ta' Triq Wied Sara għandu jiġi mitkellem is-Sur William Sultana sabiex jikkomunika mal-perit ħalli tkun tista' tiġi emendata l-formola ta' varjazzjoni tat-tender oriġinali.

03.8.17 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara li ċċekkja l-prezzijiet tad-dustbins, dan ser jiġi jiswa 'l fuq minn tminn mitt ewro. Il-Kunsilliera qablu li qabel ma ssir l-ordni għandu jiġi mitkellem il-ħaddied sabiex naraw jistax isir wieħed bħalu.

03.8.18 Il-kunsillier Emanuel Mintoff semma' li kien hemm attivita' fejn kien hemm *show* mtella' mit-tfal u ppropona li tali *show* issir fir-raħal. Għandu jiċċekja aktar dwarha, ħalli naraw jekk hux possibli u fil-każ f'liema żmien l-aħjar li tittella'.

## 03.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;

03.9.1 Ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti numru 09-02.

## 03.10 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

03.10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 11 ta' Settembru, 2024 fis-7:00 ta' filgħaxija.

**Dr. Daniel Attard**
**Sindku**

**Silvio Xerri**
**Segretarju Eżekuttiv**